



Brussell, 31 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14616/25

LIMITE

**SAN 682
PHARM 148
COVID-19 20
PROCIV 137
TRANS 504
MAR 144**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar id-dikjarazzjoni ppreżentata mir-Repubblika tat-Turkija lid-Direttur Ġenerali tad-WHO dwar ir-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa fl-14 ta' Lulju 2025

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness l-abbozz ta' Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha dwar id-dikjarazzjoni ppreżentata mir-Repubblika tat-Turkija lid-Direttur Ġenerali tad-WHO dwar ir-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa fl-14 ta' Lulju 2025.

Abbozz ta' Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha dwar id-dikjarazzjoni ppreżentata mir-Repubblika tat-Turkija lid-Direttur Ġenerali tad-WHO dwar ir-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa fl-14 ta' Lulju 2025

Ir-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (IHR) huma għodda effettiva ħafna biex tissaħħaħ il-konnessjoni bejn is-sistemi ta' sorveljanza u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' reazzjoni rapida. L-UE u s-27 Stat Membru tagħha ser ikomplu jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Artikolu 57 tal-IHR b'mod sħiħ u mingħajr restrizzjonijiet.

L-UE u s-27 Stat Membru tagħha jieħdu nota tal-intenzjoni tat-Turkija li timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-IHR f'konformità mal-Konvenzjoni dwar ir-Reġim tal-Istretti, iffirmata f'Montreux fl-20 ta' Lulju 1936.

L-UE u s-27 Stat Membru tagħha jifhmu x-xewqa tal-awtoritajiet Torok li jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tagħhom, bħall-Konvenzjoni ta' Montreux dwar it-traffiku fl-Istretti. F'dan ir-rigward huma jixtiequ jirreferu għall-Artikolu 57 tal-IHR, li jipprevedi li l-Istati parti jirrikonoxxu li l-IHR u ftehimiet internazzjonali rilevanti oħra għandhom jiġu interpretati b'mod li jkunu kompatibbli. Id-dispożizzjonijiet tal-IHR ma għandhom jaffettwaw id-drittijiet u l-obbligi ta' ebda Stat parti li jirriżultaw minn ftehimiet internazzjonali oħra.

Fir-rigward tar-referenza mit-Turkija għal-leġislazzjoni interna li ma għandha l-ebda effett dirett fuq l-implimentazzjoni tal-IHR, l-UE u s-27 Stat Membru tagħha jifhmu li t-Turkija ser tiżgura li l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni interna tagħha tirrispetta bis-sħiħ il-kontenut u l-ispirtu tal-IHR u r-reġim tal-libertà ta' navigazzjoni fl-Istretti kif stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Montreux.